13 ta' Novembru, 1950.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Antonia Mizzi *versus* Stanley Chapman et.**

**Appell — Proċedura — Ċitazzjoni — Art. 141 (1) u 160 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

***Il-liġi tistabbilixxi illi l-proċediment quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re għandu jiġi inoltrat permezz ta' petizzjoni, u li din trid tikkontjeni t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata.***

***Dan huwa però applikabili għall-ġudizzji introdotti prinċipalment fit-tieni istanza, u mhux ukoll għall-ġudizzji kollaterali jew inċidentali jew aċċessorji għall-ġudizzju prinċipali.***

***Meta tiġi inoltrata d-domanda għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata per mezz tal-petizzjoni, il-vot tal-liġi huwa sodisfatt, u dik il-proċedura ma tibqax aktar applikabili għall-kwistjonijiet kollaterali jew aċċessorji għall-ġudizzju prinċipali. Dawn għalhekk jiġu ritwalment proposti per mezz ta' ċitazzjoni.***

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem din il-Qorti, fejn l-attriċi, wara li qalet li l-konvenuti konjuġi Chapman, b'nota preżentata fl-10 ta' Mejju 1950, interponew appell mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Mejju 1950, li kkundannathom jikkunsinnaw lit-tifla Teresa Mizzi lill-attriċi fi żmien 24 siegħa, billi l-istess attriċi, fin-nuqqas ta' konsenja volontarja f'dan iż-żmien, ġiet awtorizzata li tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza billi tinqeda mill-assistenza tal-Marixxal ta' dawn il-Qrati, li fin-nuqqas fuq imsemmi ġie awtorizzat li, per mezz tal-mezzi li tagħtih il-liġi, jieħu mill-poter tal-konvenuti l-istess tifla Teresa Mizzi u jikkonsenjaha lill-attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u ppreżentaw il-petizzjoni quddiem dina l-Qorti fid-19 ta' Mejju 1950; u li b'nota tas-26 ta' Ġunju 1950 il-konvenuta Milfred Chapman għan-nom tagħha personalment irrinunzjat għall-attijiet ta' dak l-appell "in vista tar-rinunzja ta' l-attriċi għall-attijiet tal-kawża" (fol. 77); u li l-appellant Stanley Chapman ma rrinunzjax għall-appell; peress illi r-rinunzja da parti ta' l-appellanti Mildred Chapman mhix

pura u semplici kif ghandha tkun skond il-ligi, u l-attrici ma accettathiex; talbet li, previa revoka "contrario imperio" taddigriet moghti minn dina l-Qorti fl-14 ta' Lulju 1950, fuq rikors prezentat mill-attrici fl-1 ta' Lulju 1950 (fol. 83), u tad-digriet moghti minn din il-Qorti fid-29 ta' Lulju 1950, fuq rikors prezentat mill-attrici fl-20 ta' Lulju 1950, tigi minn dina l-Qorti ordnata l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-fuq imsemmi appell, biex l-istess jigi definit skond il-ligi. Bl-ispejjez;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eccezzjoni preliminari opposta mill-konvenuti;

Illi huma qeghdin jibbazaw dik l-eccezzjoni fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-art. 141 (1) u ta' l-art. 160 tal-Kodici tal-Procedura Civili. Dawn id-dispozizzjonijiet jistabbilixxu illi l-procediment quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghandu jigi inoltrat per mezz ta' petizzjoni. Fit-tieni paragrafu ta' l-imsemmi artikolu 141 jinghad ukoll illi l-petizzjoni ghandu jkun fiha t-talba ghar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata, jew ta' parti minnha;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti, bis-sentenza tat-18 ta' Marzu 1861 in re "Negte' Giovanni Semini et. vs. Notaro Vincenzo Rapinett ne. et." (Kollez. Vol. II, pag. 16), irriteniet li "sebbene secondo il disposto nell'articolo 181 (il-lum 160) delle Leggi di Organizzazzione e Procedura Civile in seconda istanza si deve procedere per via di petizione, salvo il disposto negli articoli ivi indicati, siffatta disposizione di legge però, chiaramente risulta dagli articoli 188, 189 e 193, come pure dall'articolo 160 (il-lum 141) delle dette Leggi, e come in pratica è stato interpretato, è applicabile ai giudizi introdotti principalmente in seconda istanza, e non già ai giudizi collaterali od incidenti al giudizio principale, o accessori al giudizio principale come nel caso". B'sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Gunju 1891 in re "Downs vs. Humphreys" (Kollez. Vol. XII, pag. 689), gie wkoll ritenut li l-imsemmija dispozizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art 141 "non impedisce il procedimento per atto di citazione quando vi sia luogo in ogni stato della causa sopra soggetti collatera-

li". Dina l-aħħar sentenza ġiet mogħtija minn din il-Qorti preseduta minn Sir Adriano Dingli, li mingħajr dubju ta' xejn għandu jitqies l-aħjar interpreti tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġa ngħad, it-tieni paragrafu ta' l-art. 141 fuq imsemmi jistabbilixxi li l-petizzjoni għandha tikkontjeni t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata, jew ta' xi parti minnha — ħaġa li ssir, u li għandha ssir, meta l-proċediment jiġi inoltrat f'dina l-istanza u m'għjub quddiem dina l-Qorti. Iżda, inoltrata bil-mod li titlob il-liġi t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata, il-vot tal-liġi huwa sodisfatt, u l-proċedura stabbilita bl-imsemmija artikoli 141 (1) u 160 għandha titqies eżawrita; u għalhekk ma tibqax applikabili għall-kwistjonijiet kollaterali jew aċċessorji għall-ġudizzju prinċipali;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; u tordna li l-kawża tkompla fil-meritu.